PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0138/2012**

12.4.2012

# ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar perspettiva 2020 għan-nisa fit-Turkija
(2011/2066(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur: Emine Bozkurt

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................13

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..................................................18

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar perspettiva 2020 għan-nisa fit-Turkija"**
**(2011/2066(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, li jagħmlu parti mil-liġi internazzjonali u li fihom it-Turkija ilha tipparteċipa mill-1985 u l-2002 rispettivament, u wara li kkunsidra l-Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni Torka, liema Artikolu jiddikjara li l-liġi internazzjonali tieħu l-preċedenza fuq il-liġi nazzjonali Torka,

– wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, bħall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika,

– wara li kkunsidra d-Dokument 11372 u r-Rakkomandazzjoni 1817(2007) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, it-tnejn intitolati 'Parlamenti magħquda fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika kontra n-nisa, valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kampanja',

– wara li kkunsidra l-acquis tal-Komunità fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2004 biex jinfetħu n-negozjati mat-Turkija dwar l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Progress tat-Turkija għall-2010 tal-Kummissjoni (SEC(2010)1327),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem 'l-Istrateġija ta' tkabbir u l-isfidi Ewlenin 2010-2011' (COM(2010)0660),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem 'EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv'COM(2010)2020),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta' Lulju 2005[1] u tat-13 ta' Frar 2007[2] dwar l-irwol tan-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika fit-Turkija,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar ir-Rapport ta' Progress 2010 dwar it-Turkija[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

1 **ĠU C 157E, 6.07.2006, p 385.**
2 **ĠU C 287E, 29.11.2007, p. 174.**
3 Testi adottati, P7_TA(2011)0090.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0138/2012),

A. billi t-Turkija, bħala pajjiż kandidat, hija obbligata li tikkonforma mal-acquis communautaire u li timpenja ruħha li tosserva d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi t-Turkija hija mistiedna tkompli twettaq u tissorvelja l-implimentazzjoni tar-riforma leġiżlattiva, kif ukoll torganizza attivitajiet ta' tqajjim ta' kuxjenza biex tiġġieled il-vjolenza fuq in-nisa, inkluża l-vjolenza domestika;

B. billi l-politika tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha potenzjal kbir li tilħaq tal-objettivi tal-Ewropa 2020 minħabba li tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-livell massimu ta' impjiegi;

C. billi t-Turkija qed tagħmel progress limitat fit-titjib u fl-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv sabiex tiżgura parteċipazzjoni ugwali min-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika;

D. billi l-Kummissjoni enfasizzat, fir-rapporti ta' progress tal-2010 u tal-2011 dwar it-Turkija, li huma meħtieġa sforzi kontinwi ulterjuri biex il-qafas legali eżistenti jinbidel f'realtà politika, soċjali u ekonomika; billi l-Kummissjoni ddikjarat, barra minn dan, li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluż il-qtil għall-unur, u l-ġlieda kontra ż-żwiġijiet bikrija u sfurzati għadhom sfida ewlenija għat-Turkija; billi l-ugwaljanza tal-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri għandhom jitħaddnu fil-Kostituzzjoni Torka l-ġdida li se tiġi abbozzata;

E. billi b'mod speċjali hemm il-ħtieġa ta' azzjoni koordinata u kkonċentrata fl-oqsma tal-vjolenza fuq in-nisa, l-edukazzjoni, ix-xogħol u r-rappreżentanza fil-livell nazzjonali u lokali;

***Il-leġiżlazzjoni, il-koordinazzjoni u s-soċjetà ċivili***

1. Jistieden lill-Gvern Tork biex jiddefendi u jsaħħaħ il-prinċipji tal-ugwaljanza u d-drittijiet tan-nisa meta jadotta u jemenda l-qafas leġiżlattiv tiegħu, anke fil-proċess ippjanat għal kostituzzjoni ġdida;

2. Jenfasizza li n-nuqqas ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fiż-żoni żvantaġġati tat-Turkija, kif ukoll il-problemi kkawżati mill-immigrazzjoni, il-faqar u mill-istrutturi soċjali patrijarkali prevalenti jiggravaw il-problemi tan-nisa u jdgħajfu l-pożizzjoni tagħhom; jitlob li tiġi enfasizzata iktar il-ħtieġa li jitqiesu d-diskrepanzi reġjonali meta jiġu indirizzati d-drittijiet tan-nisa u li jiġi fformulati politiki skont dan, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-problemi u l-inugwaljanzi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa ta' oriġini Kurda huma ġeneralment ikbar; jistieden lill-Gvern Tork biex jinvolvi ruħu fir-riformi kollha neċessarji u biex jikkoopera mal-kunsilli lokali sabiex jiżgura li n-nisa kollha, anke dawk ta' oriġini Kurda, igawdu drittijiet ugwali;

3. Jilqa' l-ħatra ta' Ministru ġdid għall-Familja u l-Politiki Soċjali u l-istabbiliment tal-Kumitat għall-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel fil-Parlament Tork, li qed jagħmel sforzi b'suċċess, b'rabta ma' kwistjonijiet importanti bħal pereżempju l-vjolenza

fuq in-nisa u ż-żwiġijiet tat-tfal, biex iwettaq investigazzjonijiet, ifassal rapporti u jagħmel konsultazzjonijiet ma’ firxa ta’ organizzazzjonijiet, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

4. Jenfasizza l-importanza ta’ koordinazzjoni effettiva fl-iżgurar tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jilqa', għaldaqstant, l-isforzi li qed jagħmel il-Gvern Tork biex itejjeb il-kooperazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri bejn l-awtoritajiet statali; iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jadotta iktar strateġiji, bil-parteċipazzjoni attiva u nondiskriminatorja tas-soċjetà ċivili, immirati biex jiggarantixxu u jissorveljaw b'mod effettiv l-implimentazzjoni tal-ugwaljanza sħiħa, inkluża l-eliminazzjoni tad-differenza fil-pagi skont il-ġeneri, u biex jipprattikaw ir-riżultati ta' din il-kooperazzjoni;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li l-leġiżlazzjoni eżistenti sensittiva għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneri tgħaddi għall-prattika fil-pajjiż kollu billi jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani, jiġi provdut għall-konsistenza u jiġu żviluppati mekkaniżmi ta’ monitoraġġ li jkunu bbażati fuq objettivi ċari u li jistgħu jitkejlu;

6. Jistieden lill-Gvern Tork biex jirrikonoxxi l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-ġeneri u biex jiżgura l-involviment tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-livell ċentrali u dak lokali bil-għan li jinħolqu l-iktar politiki favorevoli għan-nisa;

7. Jilqa’ l-progress tat-Turkija fir-reġistrazzjoni ta’ kull tarbija mat-twelid għal rata li bħalissa hija ta' 93 %; jenfasizza l-ħtieġa li l-istatistiki speċifiċi għall-ġeneri jinġabru b'mod konsistenti u sistematiku biex jiġi ssorveljat il-progress fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni jew il-lakuni fil-liġijiet nazzjonali;

8. Jixtieq ikun jaf xi progress għamel il-Gvern Tork fir-rikonoxximent tad-drittijiet tal-persuni leżbjani, omosessewali, bisesswali u transġeneri fil-ħajja pubblika;

***Il-vjolenza fuq in-nisa***

9. Jenfasizza li, skont id-data uffiċjali mill-Istitut Statistiku Tork, 39 % min-nisa Torok ltaqgħu ma' vjolenza fiżika xi darba jew oħra f'ħajjithom; huwa mħasseb ħafna dwar ir-regolarità u s-severità tal-vjolenza fuq in-nisa, inklużi l-qtil għall-unur u ż-żwiġijiet bikrija u sforzati, u dwar l-ineffettività tar-rimedji eżistenti u dwar in-nuqqas ta' severità min-naħa tal-awtoritajiet Torok fir-rigward tal-ikkastigar tal-awturi ta' reati bbażati fuq il-ġeneru;

10. Jistieden lill-Gvern Tork biex jieħu azzjoni iktar effettivi fil-ġlieda kontra l-qtil għall-unur, fil-forma ta' miżuri leġiżlattivi, legali u finanzjarji biex jevita tali qtil u jikkastiga lill-awturi ta' tali reati, kif ukoll lill-membri kollha tal-familja li b’mod silenzjuż japprovaw il-vjolenza fuq in-nisa, speċjalment fil-każ tal-qtil għall-unur, u biex jassisti lill-vittmi; jistaqsi lill-Gvern jekk in-numru ta’ vittmi uriex xi tnaqqis fis-snin wara li ġie emendat il-Kodiċi Penali Tork li jikklassifika l-qtil għall-unur bħala ċirkostanza aggravata f’każijiet ta’ omiċidju; jistaqsih ukoll kemm-il darba l-imħallfin taw sentenzi dwar il-qtil għall-unur u x’kienu l-pieni li ngħataw;

11. Jistieden lill-Gvern Tork biex jagħmel riċerka dwar iż-żieda f'daqqa ta' każijiet ta'

suwiċidji tan-nisa fit-Turkija tal-Lvant u biex jagħmel investigazzjoni fid-dettall dwar il-fenomenu tas-'suwiċidju għall-unur', kif ukoll biex jipprovdi għajnuna u appoġġ għan-nisa li jinsabu taħt pressjoni mill-familja tagħhom u minn dawk qrib tagħhom, bil-għan li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn, minflok ma jwettqu qtil għall-unur, il-familji jitfgħu pressjoni fuq in-nisa biex jagħmlu suwiċidju;

12. Hu tal-fehma li kwalunkwe vjolenza fuq in-nisa hija inaċċettabbli; jistieden lill-Gvern Tork biex jadotta u jimplimenta politika ta’ tolleranza żero fir-rigward tal-vjolenza fuq in-nisa billi jadotta, jissorvelja u jimplimenta leġiżlazzjoni li tipproteġi l-vittmi, tikkastiga lill-awturi ta' reati u tevita l-vjolenza;

13. Jenfasizza li l-emenda tal-Liġi Nru 4320 dwar il-Protezzjoni tal-Familja hija meħtieġa u li tali emenda għandha tiżgura ambitu wiesa’ ta’ applikazzjoni, rimedji legali effettivi u mekkaniżmi ta’ protezzjoni, u implimentazzjoni stretta u immedjata tal-qafas legali, mingħajr l-ebda konċessjoni, biex tiġi eliminata l-vjolenza fuq in-nisa u jiddaħħlu pieni dissważivi u severi għall-awturi ta' reati ta’ vjolenza fuq in-nisa; jenfasizza l-ħtieġa li l-vjolenza domestika fuq in-nisa, inkluż l-istupru konjugali, tiġi rikonoxxuta bħala reat kriminali, li tkun prevista kif meħtieġ it-tneħħija ta’ konjugi u sieħba vjolenti, u li jiġi żgurat li l-vittmi jkollhom aċċess effettiv għall-qrati u għall-miżuri ta’ protezzjoni;

14. Jistieden lill-Gvern Tork jiżviluppa sistema ta’ monitoraġġ b'paramentri referenzjarji u bi żmien definit għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni Nazzjonali għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, u biex jieħu impenn iktar b'saħħtu bil-għan li jiffinanzja l-pjan sa punt suffiċjenti;

15. Jirrakkomanda taħriġ avvanzat tal-uffiċjali tal-pulizija, il-persunal tas-saħħa, l-imħallfin, il-prosekuturi, il-persunal reliġjuż u persuni oħra f'pożizzjonijiet uffiċjali dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza domestika; itenni, bħala żieda għal dawn l-isforzi, l-ħtieġa li jkun hemm mekkaniżmu li jidentifika u jinvestiga lil dawk li jonqsu milli jipproteġu u jassistu lill-vittmi u li jiġu allokati riżorsi baġitarji suffiċjenti għall-miżuri ta' protezzjoni;

16. Jilqa' l-istabbiliment ta' uffiċċju speċjalizzat fil-vjolenza domestika mal-Uffiċċju tal-Kap Prosekutur Pubbliku ta' Ankara; jenfasizza li billi jkun żgurat li l-proċess legali kollu fil-każijiet ta' vjolenza fuq in-nisa jiġi trattat minn prosekuturi pubbliki li jkunu esperti fil-vjolenza domestika, billi dan l-uffiċċju speċjalizzat jingħata l-awtorità li joħroġ ordnijiet diretti b'effett immedjat lill-puliziji biex jarresta lill-awtur tar-reat jistieden lill-Gvern Tork, bil-għan li dan il-livell ta' protezzjoni jiġi estiż għall-pajjiż kollu, biex jistabbilixxi uffiċċji ta' prosekuturi pubbliċi speċjalizzati fil-qasam tal-vjolenza domestika fil-provinċji kollha tal-pajjiż;

17. Jistieden lill-Gvern Tork jiżgura l-aċċess effettiv tal-vittmi għal informazzjoni legali xierqa, għajnuna legali u proċedimenti ġudizzjarji xierqa li permezz tagħhom issir ġustizzja magħhom b’tali mod li jiddefendu d-drittijiet tagħhom mingħajr it-theddida ta’ aktar vjolenza;

18. Jappoġġja l-pożizzjoni li l-mekkaniżmi ta’ protezzjoni jkunu aċċessibbli bl-istess mod għan-nisa ta’ oriġini immigranta li jiffaċċjaw problemi addizzjonali (bħall-ostakli tal-lingwa, l-iżolament fil-familji, eċċ.);

19. Jilqa' l-inizjattivi tal-Gvern Tork biex jerġa' jorganizza s-sistema ta' rifuġji b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha; jinnota li l-65 rifuġju għan-nisa li sfaw vittmi tal-vjolenza ma jissodisfawx il-ħtiġijiet ta' popolazzjoni ta' madwar 70 miljun ruħ; jistieden lill-Gvern Tork biex jistabbilixxi numru suffiċjenti ta' rifuġji mferrxa b'mod ugwali mal-pajjiż b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika, u b'hekk jilħaq il-mira li stabbilixxa għalih innifsu mal-Liġi dwar il-Muniċipalitajiet, u biex joħloq rifuġju f'kull muniċipalità li għandha mill-inqas 50 000 abitant; jinnota li r-rifuġji għandhom ikunu mxerrda mal-pajjiż kollu b'bilanċ xieraq bejn iż-żoni rurali u dawk urbani; jenfasizza l-importanza li jiddaħħlu mekkaniżmi li jżidu s-sigurtà, il-kapaċità u s-superviżjoni tar-refuġji eżistenti u li jimponu sanzjonijeit għan-nuqqas ta' osservanza, li jiġi impjegat persunal tas-servizzi soċjali li jkun imħarreġ u mħallas sew, permezz ta' korsijiet ta' taħriġ professjonali u servizzi oħra, u li n-nisa fir-refuġji jiksbu l-kapaċitajiet adegwati biex jibnu ħajja ġdida għalihom u għal uliedhom; jenfasizza l-importanza tan-nuqqas ta' żvelar tal-post ta' dawn ir-rifuġji għas-sigurtà tal-vittmi;

20. Jenfasizza l-importanza li l-irġiel li għandhom tendenza li jkunu vjolenti jingħataw trattament; jissuġġerixxi, għalhekk, li l-irġiel li tkun ħarġet ordni ta' trazzin kontrihom, jiġu riabilitati mill-uffiċċji  għall-persuni b'libertà proviżżorja;

21. Jilqa' l-istabbiliment ta' linji telefoniċi għall-għajnuna u l-istabbiliment taċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tan-Nisa, fejn il-vittmi tal-vjolenza sessista jingħataw kura medika u konsulenza psikoloġika matul il-kawżi tagħhom il-qorti sabiex jiġi evitat li jiġu ripetuti l-każijiet ta' vittimizzazzjoni;

22. Jistieden lill-Gvern Tork biex jikkunsidra ż-żwieġ sfurzat bħala reat u biex permezz ta' kampanji ta' informazzjoni jiġbed l-attenzjoni tan-nisa u l-irġiel dwar id-dritt tagħhom li jagħżlu s-sieħeb jew is-sieħba tagħhom b'mod liberu; jenfasizza l-importanza tat-tqajjim ta' kuxjenza fl-iskejjel u għall-ġenituri dwar in-nuqqas ta' legalità taż-żwiġijiet sfurzati;

23. Huwa mħasseb ħafna dwar l-istatus legali inferjuri tan-nisa xebbiet, divorzjati, in-nisa li jiddaħħlu fi żwiġijiet Musulmani illegali u n-nisa li ġejjin minn gruppi tal-minoranza;

24. Jenfasizza l-importanza li jitrawwen ir-rispett lejn in-nisa li jkunu memebri ta' minoranzi reliġjużi u li jiġi promoss d-djalogu interreliġjuż;

***L-edukazzjoni***

25. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u biex tkun żgurata l-integrazzjoni tal-ġeneri fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;

26. Jiġbed l-attenzjoni li skont l-Artikolu 26 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1948, id-dritt għall-edukazzjoni huwa dritt tal-bniedem;

27. Jilqa' l-fatt li qed tiżdied il-parteċipazzjoni tal-bniet fl-edukazzjoni primarja (fil-gradi 1 sa 8)u li d-disparità bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni primarja issa kważi tneħħiet għalkollox; iqis, madankollu, li huwa ta' dispjaċir il-fatt li d-disparità bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni sekondarja twessgħet ftit u jħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex inaqqas din id-disparità u biex idaħħal iktar miżuri li jiżguraw li t-tfal kollha jattendu l-iskola;

28. Jitlob li ssir promozzjoni fis-sistema tal-edukazzjoni tal-iskejjel vokazzjonali li tagħti lin-nisa l-opportunità li jitgħallmu xi sengħa jew jitħarrġu għal xogħlijiet fis-setturi tas-servizzi;

29. Jistieden lill-Gvern Tork biex jiġġieled l-isfruttament sesswali, l-abbuż sesswali, il-vjolenza domestika, il-faqar, l-analfabetiżmu u l-isfruttament ta' tfal bniet u biex jipprovdi opportunitajiet indaqs għall-aċċess għall-edukazzjoni, mingħajr distinzjonijiet li jsiru purament fuq bażi tal-età, il-lingwa, l-etniċità u l-ġeneru;

30. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-proporzjon ta' tfal tal-età mit-twelid sa ħames snin li jinkitbu fl-iskola preprimarja għadu baxx ħafna u li hemm nuqqas ta' progress fil-provvista ta' kura tat-tfal u ta' faċilitajiet tal-edukazzjoni preprimarja; iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jalloka riżorsi suffiċjenti għall-estensjoni ta' servizzi ta' kura tas-saħħa għal dan il-grupp ta' età li wieħed ikun jiflaħ iħallashom; jistiednu wkoll biex jemenda r-regolamentazzjoni tiegħu dwar iċ-ċentri għall-kura tat-tfal, li tobbliga lill-intrapriżi li jħaddmu iktar minn 150 mara li jipprovdu kura tat-tfal bla ħlas, peress li din id-dispożizzjoni tirrifletti approċċ diskriminatorju li jimplika li t-trobbija tat-tfal hija responsabilità tan-nisa biss u tinfluwenza b'mod negattiv lill-intrapriżi meta dawn jiġu biex iħaddmu n-nisa;

31. Jistieden lill-Gvern Tork biex jintensifika l-isforzi u l-kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza tiegħu biex jiġu eliminati l-analfabetiżmu u l-faqar fost miljuni ta' nisa, speċjalment dawk ta' oriġini Kurda jew minn komunitajiet immigranti jew tar-Roma, u biex jagħti attenzjoni speċifika lin-nisa li jgħixu fiż-żoni rurali;

32. Jilqa' l-inizjattivi tal-Gvern Tork bħall-Proġett għall-Mitigazzjoni tar-Riskju Soċjali (trasferiment ta' flus kondizzjonali) li jinvolvi l-għoti ta' ammont ta' flus lill-familji fil-bżonn għal kull wild li jmur l-iskola primarja; jinnota li l-ammont mogħti lill-familji għall-bniet huwa ogħla minn dak mogħti għas-subien u li dan l-ammont jingħata lill-ommijiet; jilqa' l-fatt li b'dan il-mod il-kwistjonijiet tal-edukazzjoni tal-bniet u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-istruttura tal-familja jiġu indirizzati simultanjament; jinnota, madankollu, li l-fatt li ħafna tfal jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien jibqa' inkwetanti, b'mod speċjali fost il-familji ta' ħaddiema staġonali u t-tfal tar-Roma, u jistieden lill-Gvern Tork biex jappoġġja u juża bis-sħiħ is-sistema ta' twissija bikrija għat-tfal li jkunu f'riskju li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien u biex jelimina d-disparitajiet reġjonali fl-edukazzjoni primarja u f'dik sekondarja;

33. Jenfasizza li l-problema tal-istereotipi tal-ġeneri jistgħu jiġu indirizzati l-aħjar fis-sistema edukattiva; jilqa', għaldaqstant, it-twaqqif tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni; jirrikonoxxi l-isforzi tagħha favur l-eliminazzjoni tal-lingwaġġ, l-istampi u l-espressjonijiet sessisti mill-materjal edukattiv; jinnota, madankollu, li l-eliminazzjoni tal-preġudizzju sessist mill-kotba tat-tagħlim fil-

livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ teħtieġ aktar sforzi u, għalhekk, jitlob lill-Gvern Tork jirrevedi l-progress li sar biex jiġu eliminati il-preġudizzji sessisti mill-materjal edukattiv;

34. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja biex jagħmlu obbligatorji l-korsijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kurrikulu għall-għalliema futuri, u jistieden lill-Gvern Tork biex jinkludi dan is-suġġett fil-programmi ta' taħriġ kontinwu għall-għalliema;

35. Jenfasizza li sabiex tkun garantita l-parteċipazzjoni tal-bniet fl-edukazzjoni primarja obbligatorja u sabiex ikun evitat li dawn jiċċaħħdu mill-opportunitajiet tagħhom li jistudjaw jew li jiġu sfurzati jiżżewġu kmieni, hu kruċjali li, kif qed jiġri bħalissa, is-sistema edukattiva primarja obbligatorja formali kollha kemm hi għandha tikkonsisti minn blokka li ma tistax tiġi sostituta b'tagħlim miftuħ jew edukazzjoni minn distanza; hu mħasseb, għalhekk, dwar il-proposta leġiżlattiva riċenti li żżid l-edukazzjoni obbligatorja minn 8 sa 12-il sena imma filwaqt li tagħmel dan timmira wkoll li ddaħħal il-possibilità li wieħed jagħżel alternattivi ta' tagħlim miftuħ wara l-ewwel erba' snin tal-edukazzjoni primarja;

***Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol***

36. Jenfasizza l-livell baxx ħafna ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol Torka, li huwa inqas mill-miri previsti mill-perspettiva tal-Istrateġija Ewropa 2020, u jistieden lill-Gvern Tork biex jistabbilixxi pjan ta' azzjoni nazzjonali sabiex jizgura parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol;

37. Jitlob li tittieħed aktar azzjoni skont l-iskema 'Miżuri attivi għas-suq tax-xogħol' li hija mfassla biex trażżan il-qgħad fost in-nisa u ż-żgħażagħ; jitlob lill-Gvern Tork biex jiddedika aktar finanzjament mill-baġit tiegħu stess biex jinkoraġġixxi lin-nisa qiegħda joħorġu jaħdmu;

38. Jistieden lill-Gvern Tork biex jonfoq il-finanzjament tal-UE b'mod kemm jista' jkun effettiv fuq il-proġetti li qed jitwettqu fit-Turkija; jistieden lill-Kummissjoni biex taġixxi bid-diliġenza dovuta fir-rigward tal-effettività tal-infiq.

39. Iħeġġeġ l-implimentazzjoni taċ-Ċirkolari tal-Prim Ministru 2010/14 dwar iż-żieda fl-impjieg tan-nisa u l-kisba ta' opportunitajiet indaqs; f'dan il-kuntest, jiġbed l-attenzjoni għall-istrateġiji u l-miżuri tal-UE favur allokazzjoni bbilanċjata u ġusta ta' karigi għoljin lin-nisa;

40. Jistieden lill-Gvern Tork jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jippromwovi, fost affarijiet oħra, miżuri li jiżguraw kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol, pagi ugwali għal xogħol ugwali, it-tagħlim tul il-ħajja, skedi flessibbli ta' xogħol u bilanċ ġust bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol;

41. Jinnota li filwaqt li t-Turkija riċentement tejjbet il-leġiżlazzjoi tagħha dwar il-liv tal-maternità (b'żieda minn 12-il ġimgħa għal 16-il ġimgħa), il-liv tal-paternità jeżisti biss għall-uffiċjali ċivili u mhux għal ħaddiema oħra, u li skema tal-liv tal-ġenituri li tkun applikabbli b'mod wiesa' hija essenzjali biex ikun żgurat li l-ġenituri jikkondividu d-

drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom fir-rigward tal-kura tat-tfal u għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi tal-ġeneri fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Gvern Tork jimplimenta skema ta' liv tal-ġenituri mħallas għall-ħaddiema kollha, li tippermetti lill-missirijiet jissodisfaw ir-responsabilitajiet ugwali tagħhom fil-kura tat-tfal;

42. Iħeġġeġ lin-nisa jibdew in-negozji tagħhom stess billi jużaw finanzjament li jsir disponibbli taħt skemi tas-self, bħal pereżempju l-Programm ta’ Self lin-Negozji ż-Żgħar, u biex jieħdu vantaġġ mill-programmi ta’ taħriġ tal-KOSGEB.

43. Jenfasizza l-importanza li tingħeleb kull xorta ta’ diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol, inkluża d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, fir-reklutaġġ, fil-promozzjoni u fil-benefiċċji; itenni t-talba tiegħu lill-Gvern Tork biex jiġbor data statistika preċiża u rilevanti;

44. Jenfasizza l-importanza li jingħataw korsijiet ta’ taħriġ speċjali, finanzjament u għajnuna teknika lin-nisa qiegħda ta’ livell mhux manwali u lill-imprendituri nisa, sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għall-aċċess għas-suq tax-xogħol;

45. Jenfasizza li t-twessigħ riċenti tal-intitolament legali għall-liv tal-maternità (b'żieda minn tnax għal sittax-il ġimgħa) għandu jiġi segwit b’żieda fil-pagi, sabiex jiġi żgurat aħjar li l-familji u n-nisa ma jiġux penalizzati finanzjarjament talli jkollhom it-tfal;

46. Iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jalloka fondi biex jiġu stabbiliti faċilitajiet għall-kura tat-tfal u l-kura tal-anzjani u l-persuni b’diżabilità li jkunu għall-but ta’ kulħadd u aċċessibbli b'mod wiesa' sabiex jiżdied l-impjieg tan-nisa;

47. Josserva l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fl-unjonijiet sindikalisti u speċjalment fil-korpi ta' tmexxija tagħhom; jenfasizza l-importanza tal-fatt li l-attivitajiet tal-unjonijiet sindikalisti jsiru iktar aċċessibbli sabiex ikun hemm iktar parteċipazzjoni min-naħa tan-nisa;

48. Jenfasizza l-fatt li n-nisa ħafna drabi jaħdmu f’kundizzjonijiet ħżiena u f'ċirkostani mhux reġistrati u mhux imħallsa f'negozji tal-familja u, għalhekk, jisfaw vittmi u jiġu sfruttati; jistieden lill-Gvern Tork biex jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġġieled l-ekonomija s-sewda;

***Il-parteċipazzjoni fil-politika***

49. Jilqa’ ż-żieda fin-numru ta’ membri nisa fil-Parlament Tork li minn 9.1 % fl-elezzjonijiet tal-2007 tela’ għal 14.3 % wara l-elezzjonijiet tal-2011; jinnota, madankollu, li dan il-perċentwal għadu baxx ħafna u jitlob liġi ġdida dwar il-partiti politiċi u l-elezzjonijiet li tistabbilixxi sistema ta’ kwoti obbligatorja biex tiżgura r-rappreżentanza ġusta tan-nisa fil-listi elettorali; hu mħasseb dwar ir-rappreżentanza ġeneralment limitata ta’ nisa Torok fil-politika, f’karigi maniġerjali fl-amministrazzjoni pubblika u fil-partiti politiċi;

50. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Gvern Tork u l-partiti politiċi jirrevedu l-liġi attwali dwar l-elezzjonijiet bil-għan li jkun hemm parteċipazzjoni ndaqs u demokratika tal-irġiel u n-nisa fil-politika, li tinkludi preżenza aktar bilanċjata f'termini tal-ġeneri ta' nisa f’karigi li jiġu eletti fil-listi tal-votazzjoni;

51. Iħeġġeġ il-partiti politiċi Torok kollha biex jadottaw strateġiji komprensivi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u regoli interni li jiżguraw il-preżenza tan-nisa fil-livelli kollha;

52. Huwa mħasseb dwar il-perċentwal baxx ħafna tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika fil-livell lokali u jistieden lill-partiti politiċi kollha biex jiżguraw li din is-sitwazzjoni tinbidel fl-elezzjonijiet lokali tal-2014; filwaqt li jqis il-fatt li fit-Turkija 1 % biss tal-muniċipalitajiet għandhom sindku mara u l-ħtieġa konsegwenti li jiġi inkoraġġut l-involviment tan-nisa fil-politika, anke fil-livell lokali, jitlob li tiddaħħal sistema ta' kwoti għan-nisa fil-listi elettorali;

***Il-perspettiva tal-2020***

53. Jistieden lit-Turkija, bħala pajjiż kandidat għall-adeżjoni fl-UE, biex tadotta l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 u biex tagħti s-setgħa lin-nisa biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tax-xogħol;

54. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-kwistjoni tad-drittijiet tan-nisa fin-negozjati mat-Turkija; jenfasizza l-importanza li t-Turkija tissodisfa l-obbligi legali u politiċi tagħha li joriġinaw mill-acquis tal-UE u mid-deċiżjonijiet relevanti tal-UE u l-QEBD (Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) sabiex tiffaċilita l-ftuħ tal-Kapitolu 23 tan-negozjati tal-adeżjoni dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u bħala appoġġ għar-riformi tat-Turkija dwar id-drittijiet tan-nisa skont dan il-kapitolu;

55. Jistieden lit-Turkija biex tissodisfa l-obbligi kollha tagħha li joriġinaw mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija u l-Protokoll Addizzjonali li t-Turkija għad trid timplimenta għas-sitt sena konsekuttiva, sabiex turi l-impenn reali tagħha li ssir demokrazija pluralista għalkollox, li fil-qalba tagħha jkollha l-osservanza u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa;

56. Jenfasizza li għall-ftuħ tal-Kapitolu 19 tan-negozjati tal-adeżjoni dwar il-politika soċjali u l-impjiegi, li huwa strumentali ħafna għat-titjib tas-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tan-nisa u jżid il-preżenza tagħhom fis-suq tal-xogħol, wieħed mill-parametri referenzjarji hu li t-Turkija tipprovdi lill-Kummissjoni pjan ta' azzjoi għall-implimentazzjoni tal-acquis f'kull żona koperta mill-Kapitolu 19, inluża l-adozzjoni ta' approċċ ta' integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru; jipproponi li d-Direttorat Ġenerali għall-Istatus tan-Nisa jkun involut mill-qrib f'dan il-proċess;

57. Jenfasizza li l-Aġenda Pożittiva, kif introdotta mill-Kummissjoni biex tikkumplimenta n-negozjati dwar l-adeżjoni tat-Turkija, għandha tintuża bħala forum mexxej għall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-Turkija; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li fil-gruppi ta' ħidma kollha tal-Aġenda Pożittiva tkun żgurata l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri;

58. Jenfasizza l-importanza li jerġgħu jiġu evalwati l-valuri stretti eżistenti fir-rigward tar-rwol tan-nisa fl-istruttura soċjali, u jenfasizza li fl-aħħar mill-aħħar hija meħtieġa bidla fil-mentalità sabiex il-qafas leġiżlattiv isir realtà;

59. Jitlob li jiġu organizzati kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza li jimmiraw is-soċjetà kollha u li jiffokaw fuq id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-prevezjoni tal-vjolenza

fuq il-bażi tal-ġeneru, il-kundannazzjoni tal-qtil għall-unur u l-preġudizzji sessisti fil-mezzi tax-xandir;

60. Jitlob li l-ġestjoni u l-impjieg jiġu involuti b'mod attiv fil-promozzjoni tad-drittijiet u r-rwoli tan-nisa fin-negozju, is-soċjetà u l-politika, u fl-inklużjoni tan-nisa fid-djalogu bejn iż-żewġ naħat tal-industrija;

61. Jistieden lill-Gvern Tork biex fil-livelli kollha tal-edukazzjoni jdaħħal l-ugwaljanza tal-ġeneri u t-tolleranza bħala suġġetti obbligatorji fil-kurrikula tal-iskola;

62. Jissuġġerixxi li jinħoloq proġett nazzjonali li fih jieħdu sehem persuni mudell tan-nisa u tal-irġiel u tfajliet u ġuvintur f'dibattiku dwar il-futur tat-Turkija sabiex in-nisa u l-irġiel minn kull grupp ta' età u kull twemmin politiku jkunu jistgħu jaħdmu flimkien dwar strateġija biex b'suċċess jittrasformaw l-istruttura patrijarkali tas-soċjetà f'waħda fejn ikun hemm il-parteċipazzjoni ġusta u soċjalment aċċettabbli tan-nisa fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali;

63. Jirrikonoxxi li qatt ma jista' jkun hemm bidla fil-mentalità mingħajr il-parteċipazzjoni u l-involviment tal-irġiel u, għaldaqstant, jistieden lill-Gvern Tork biex jistabbilixxi dibattiti pubbliċi għall-iskambju ta' opinjonijiet bejn irġiel u nisa mis-setturi kollha tas-soċjetà Torka bħala mezz kif jiġu trattati l-kawżi tal-vjolenza sessista u fl-aħħar mill-aħħar biex wieħed jasal għal ugwaljanza ġenwina tal-ġeneri;

64. Jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-għoti tas-setgħa lin-nisa fir-reġjuni tat-Turkija l-inqas żviluppati; jilqa', għaldaqstant, il-proġetti tal-Gvern Tork bħal dak li joffri korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali fi ħdan il-CATOMs (Ċentri tas-Soċjetà bi Skop Multiplu) fix-Xlokk tat-Turkija, iżda jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal iktar inizjattivi li jirrispettaw u jippromwovu d-drittijiet tan-nisa kollha, u li jiffukaw b'mod partikolari fuq l-inklużjoni soċjali tan-nisa u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fiż-żoni rurali, in-nisa qiegħda u n-nisa li jgħixu fil-faqar;

65. Jemmen li jekk it-Turkija trid li jkollha rwol bħala mudell għall-pajjiżi tar-'Rebbiegħa Għarbija', hija għandha tkompli twettaq ir-riformi tagħha b'determinazzjoni u tiżgura l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tkun għaddiet; ifakkar li t-Turkija teħtieġ tikseb riżultati viżibbli u konkreti fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u l-osservanza tad-drittijiet tan-nisa;

66. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-mezzi tax-xandir għad-difiża tad-drittijiet tan-nisa u jħeġġeġ l-inklużjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-taħriġ kontinwu tal-organizzazzjonijiet tax-xandir; jindika l-importanza li tiġi ppreżentata immaġni tan-nisa fil-mezzi tax-xandir li tevita l-istereotipi sessisti;

67. Jenfasizza l-importanza tal-baġitjar għall-ġeneri, ladarba l-ebda waħda mir-riformi ma tista' tiġi implimentata mingħajr il-fondi adegwati;

68. Jistieden lit-Turkija biex iżżid l-isforzi tagħha fir-rigward tar-riformi komprensivi, biex tissodisfa l-kriterji ta' Kopenħagen, għall-ġid tal-modernizzazzjoni tagħha nnifisha, u biex tistabbilixxi klima ta' fehim u rispett reċiproċi mas-27 Stat Membru kollha tal-UE, u b'hekk tagħmilha possibbli li jsir skambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-ugwaljanza bejn

il-ġeneri ma' kulħadd, għall-benefiċċju tan-nisa fit-Turkija;

69. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, lin-NU Nisa, lid-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u lill-Gvern u l-Parlament tat-Turkija.

## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur ħejjiet ir-rapport tagħha fuq il-bażi ta' riċerka dokumentata u intervisti.

Ir-riċerka dokumentata li wettqet kienet tinvolvi l-analiżi ta' firxa wiesgħa ta' dejta u opinjonijiet miġburin minn diversi sorsi governattivi u tas-soċjetà ċivili kif ukoll mil-leġiżlazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa.

Flimkien mal-kuntatt regolari li r-rapporteur diġà għandha mad-diversi partijiet interessati minħabba li ilha snin involuta fil-moviment tan-nisa fit-Turkija, hija wettqet ukoll intervisti maħsuba speċifikament biex jinkiseb input għal dan ir-rapport. Dawn l-intervisti inkludew:

– skambju ta' opinjonijiet ma' Štefan Füle, Kummissarju tal-UE għat-Tkabbir,

– żewġ żjarat it-Turkija biex tiġi investigata s-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa.

Matul l-ewwel żjara tagħha t-Turkija f'April 2011, ir-rapporteur għamlet diskors importanti waqt konvenzjoni internazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi organizzata mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u mill-Parlament Tork, u intervistat nisa prominenti fis-soċjetà Torka inklużi Güldal Akşit, li dak iż-żmien kienet il-President tal-Kumitat Parlamentari għall-Opportunitajiet Indaqs; Nazik Işık, il-Fondatur tal-Assoċjazzjoni tas-Solidarjetà tan-Nisa; Aynur Bektaş, il-President tal-Bord tal-Intraprendituri Nisa tal-Unjoni Torka tal-Kmamar tal-Kummerċ; Yazgülü Aldoğan, kittieba ta' rubrika f'ġurnal; Sertab Erener, artista; Gülay Aslantepe, li dak iż-żmien kienet id-direttur tal-uffiċċju tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fit-Turkija; Yakın Ertürk, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-Vjolenza fuq in-Nisa. Ir-rapporteur żaret ukoll xelters tan-nisa flimkien ma' İlke Gökdemir, riċerkatur u Mor Çatı, persuna li tagħmel xogħol volontarju f'xelter tan-nisa, u intervistat lin-nisa li sfaw vittmi ta' vjolenza domestika. Hija għamlitha wkoll ta' moderatur f'dibattitu f'università ma' tfajliet (u ġuvintur) żgħażagħ dwar il-futur tagħhom.

Matul it-tieni żjara tagħha fit-Turkija, f'Settembru 2011, ir-rapporteur kellha laqgħat mal-Ministru tal-UE Egemen Bağıs, il-Ministru tal-Politiki Soċjali u tal-Familja Fatma Şahin, il-Ministru tal-Intern İdris Naim Şahin, il-Ministru tal-Ġustizzja Sadullah Ergin, il-Ministru tax-Xogħol Faruk Çelik, il-Ministru tal-Finanzi Mehmet Şimsek, il-Ministru tal-Edukazzjoni Ömer Dinçer, il-President tal-Kumitat Parlamentari għall-Opportunitajiet Indaqs għall-Irġiel u n-Nisa Azize Sibel Gönül, il-President tal-Kumitat Parlamentari għall-Integrazzjoni tal-UE Mehmet Sayım Tekelioğlu, il-President tal-Kumitat Parlamentari għar-Relazzjonijiet Barranin Volkan Bozkır, il-Kopresident tal-Kumitat Parlamentari Konġunt Turkija-UE Afif Demirkıran, il-Viċi President tal-Kumitat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Bniedem Mehmet Naci Bostancı, il-mexxej tal-ikbar partit tal-oppożizzjoni, jiġifieri l-Partit Popolari Repubblikan, Kemal Kılıçdaroğlu, ir-rappreżentanti tal-Konfederazzjoni tat-Trejdjunjins Torok, il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Ambaxxatur Tork Marc Pierini, il-President tal-Assoċjazzjoni Torka tal-Industrija u n-Negozju Ümit Boyner, u r-rappreżentanti minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet tan-nisa li ngħaqdu f'laqgħa ta' diskussjoni madwar mejda tonda organizzata f'Istanbul biex jiġi pprovdut l-input għal dan ir-rapport,

– smigħ pubbliku fi ħdan il-Parlament Ewropew bil-parteċipazzjoni ta' Leyla Coşkun, li

dak iż-żmien kienet id-Direttur Ġenerali għall-Istatus tan-Nisa, Nur Ger, il-President tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Assoċjazzjoni Torka tal-Industrija u n-Negozju, u Handan Çağlayan, lekċerer dwar id-drittijiet tal-bniedem.

***Leġiżlazzjoni***

Ir-rapport jieħu nota tal-fatt li l-qafas leġiżlattiv dwar id-drittijiet tan-nisa fil-biċċa l-kbira tiegħu ġie stabbilit. Il-gvern ippromulga liġijiet, statuti muniċipali amministrattivi, dokumenti ta' strateġija, pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u protokolli dwar kwistjonijiet importanti bħall-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa, l-edukazzjoni tal-bniet u l-eliminazzjoni tal-analfabetiżmu fost in-nisa u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Madankollu, sa ftit ilu t-trasformazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni fil-prattika ma kinitx ta' livell sodisfaċenti. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' koperazzjoni bejn il-Gvern Tork u s-soċjetà ċivili mess ukoll il-qasam tad-drittijiet tan-nisa, ħaġa li hija b'mod partikolari ta' dispjaċir ladarba l-ugwaljanza bejn is-sessi tista' teżisti biss bl-isforzi kkoordinati tas-soċjetà kollha kemm hi.

Ir-rapporteur rat bidla pożittiva f'dawn it-tendenzi preċedenti, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u n-nuqqas ta' koperazzjoni. Kull wieħed mill-ministeri rilevanti għaddejjin bil-ħidma tagħhom biex joħolqu proġetti li jdaħħlu fis-seħħ il-leġiżlazzjoni dwar it-titjib tal-livell ta' għajxien tan-nisa. Ta' iktar importanza huwa l-fatt li dawn il-ministeri qed jikkoperaw fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Fiċ-ċentru ta' din l-istruttura ta' koperazzjoni nsibu l-Ministeru tal-Politiki Soċjali u tal-Familja, li għadu kemm jiġi stabbilit. Il-Ministeru tal-Politiki Soċjali u tal-Familja issa sar ministeru stabbilit bil-baġit tiegħu stess u minnufih beda jistabbilixxi koperazzjoni strutturali ma' ministeri oħra. Il-ministeru qed jorganizza wkoll laqgħat mas-soċjetà ċivili sabiex jittieħdu deċiżjonijiet konġunti dwar kwistjonijiet importanti bħal kif għandha tiġi ristrutturata s-sistema tax-xelters tan-nisa.

Din il-bidla għadha fi stadju preliminari, u huwa għalhekk li r-rapport, filwaqt li jagħraf li saret bidla pożittiva, joqgħod attent li ma jneħħix qabel iż-żmien in-nuqqasijiet tal-imgħoddi tat-Turkija.

Rigward il-ġabra ta' statistika aħjar, sar progress f'dawn l-aħħar snin, iżda għad m'hemmx dejta speċifika għas-sessi disponibbli b'mod konsistenti u f'kull qasam.

L-iktar emenda kostituzzjonali reċenti tiżgura li l-azzjoni pożittiva ma tistax titqies bħala ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza. Madankollu, din il-possibilità għandha titqiegħed fil-prattika permezz tal-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ulterjuri.

***Il-vjolenza fuq in-nisa***

Il-vjolenza fuq in-nisa hija waħda mill-iktar problemi li għandhom jiġu ttrattati b'mod urġenti fit-Turkija. Żewġ nisa jew tlieta jinqatlu kuljum minn żewġhom, l-għarus, il-familja jew l-ex konjuġi tagħhom. Il-leġiżlazzjoni eżistenti, il-Liġi Nru 4320, fil-fatt fiha nuqqasijiet bħan-nuqqas ta' mekkaniżmu li minnufih iwarrab lill-persuna li tirrikorri għall-vjolenza domestika mill-viċinanza ta' dik il-mara li tkun sfat vittma ta' vjolenza. Barra minn hekk, il-pulizija, il-prosekuturi u l-imħallfin ma jimxux dejjem bl-istess mod fir-rigward tal-ambitu tal-liġi kif ukoll tal-pieni li għandhom jingħataw lill-persuna li tkun wettqet il-vjolenza. Huwa tal-akbar

importanza li flimkien mal-fatt li tiġi emendata l-liġi sabiex jiġu stabbiliti rimedji iktar immedjati u effiċjenti fil-każijiet ta' vjolenza domestika, għandhom jiġu żgurati interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi ta' din il-liġi fost l-awtoritajiet kollha involuti fl-implimentazzjoni tagħha.

Ir-rapporteur tosserva, fuq nota iktar pożittiva, li fis-soċjetà Torka kulma jmur qed jiżdied l-għarfien rigward il-vjolenza fuq in-nisa. Il-kwistjoni qed tiġi diskussa fuq bażi kwotidjana fil-gazzetti, fuq programmi televiżivi Torok, u minn diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaġixxu bħala forza motriċi addizzjonali għar-riformi governattivi f'dan il-qasam. Il-gvern diġà għaraf li hemm problema serja u m'għadux jasserixxi li l-każijiet ta' vjolenza sessista huma inċidenti individwali. Fi sforz biex tiġi eliminata l-vjolenza fuq in-nisa, il-ministeri rispettivi qed iħarrġu lill-pulizija, l-imħallfin u l-prosekuturi, il-persunal tal-kura tas-saħħa u l-uffiċjali reliġjużi dwar l-irwol tagħhom fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa. Kemm il-Ministeru tal-Intern kif ukoll il-Ministeru tal-Politiki Soċjali u tal-Familja għaddejjin bil-ħidma tagħhom għar-ristrutturar tas-sistema tax-xelters tan-nisa. Madankollu, hemm ħtieġa kruċjali għal iktar xelters. Il-Gvern Tork għadu lanqas biss qarrab lejn l-għan li stabbilixxa għalih innifsu, jiġifieri li jibni xelter f'kull żona li l-popolazzjoni tagħha hija ta' iktar minn 50 000 persuna. L-ilħuq ta' dan l-għan għandu jkun prijorità għall-gvern. Ix-xelters eżistenti għandhom isiru iktar siguri permezz ta' persunal imħarreġ sew u anki mħallas sew u għandhom jiġu offruti, b'mod sistematiku, korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali lin-nisa fix-xelters, sabiex jgħinuhom jibnu ħajja ġdida għalihom u għal uliedhom meta jitilqu mix-xelters.

Twaqqfu linji telefoniċi għall-għajnuna biex joffru assistenza lill-vittmi tal-vjolenza. Għandhom jiġu allokati biżżejjed riżorsi u għandu jsir ir-ristrutturar meħtieġ sabiex it-talbiet għall-għajnuna permezz ta' dawn il-linji telefoniċi jkunu jistgħu jiġu trattati minnufih anki wara l-ħin tax-xogħol.

Ir-rapporteur tistieden lill-Gvern Tork biex jadotta politika ta' tolleranza żero fir-rigward tal-vjolenza fuq in-nisa; dan ifisser li l-vjolenza fuq in-nisa tingħata pieni, u li jingħataw pieni iktar ħorox lil dawk li jirrikorru għall-vjolenza fuq in-nisa iktar minn darba. Ladarba ssir ħaġa magħrufa li dawk li jwettqu reati sessisti jingħataw pieni mingħajr eċċezzjonijiet, il-vjolenza fuq in-nisa tonqos b'mod inevitabbli.

***L-edukazzjoni***

Bħala riżultat ta' kampanji konsistenti u kontinwi mnedija mill-Gvern Tork u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, id-disparità bejn is-sessi fl-edukazzjoni primarja kważi tneħħiet għalkollox. Madankollu, għad hemm disparità bejn is-sessi fl-edukazzjoni sekondarja u r-rapporteur tenfasizza l-importanza li wieħed jiffoka fuq it-tneħħija ta' din id-disparità f'dan il-livell ta' edukazzjoni.
Rigward il-kontenut tal-edukazzjoni, il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilita fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni qed tagħmel ħidma importanti biex tidentifika l-lingwaġġ u l-istampi sessisti fil-kotba akkademiċi u tissostitwixxihom b'kontenut emanċipattiv li ma fihx stereotipi tas-sessi, u li jgħallem lit-tfal dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-kondiviżjoni tar-responsabilitajiet tal-familja.

***Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol***

Ir-rata ta' impjieg tan-nisa, dik ta' 24 %, issa ilha hekk għal numru ta' snin. Għalkemm, skont id-data tal-Istitut Statistiku Tork, iċ-ċifra reċenti hija qrib it-30 %, din għadha baxxa ħafna. Għalkemm din il-kwistjoni ġiet indirizzata fiċ-Ċirkolari tal-Prim Ministru 2010/14, dan id-dokument ma ġiex implimentat b'mod li jidħlu fis-seħħ il-prinċipji li jinsabu fiha.

Ir-rapporteur issuġġeriet numru ta' riformi sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. It-twaqqif ta' sistema ta' xogħol part-time li tiffunzjona tajjeb jista' jikkontribwixxi ħafna biex jiżdied l-impjieg tan-nisa. Attwalment, huwa l-impjegatur li jiddeċiedi min se jaħdem part-time, u d-drittijiet tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema part-time jiġu kważi injorati għalkollox.

Ir-rapporteur jiddispjaċiha li s-servizzi li ġeneralment jitqiesu li jinsabu fi ħdan l-ambitu ta' responsabilità tal-istat soċjali, bħall-kura tat-tfal u l-kura tal-anzjani u tal-persuni b'diżabilità, fit-Turkija jitqiesu bħala sfidi li għandhom jingħelbu esklussivament min-nisa. Dan kollu jikkontribwixxi għar-rati ta' impjieg baxxi fost in-nisa. Din hija r-raġuni għaliex ir-rapport jistieden lill-Gvern Tork biex jalloka biżżejjed fondi għat-twaqqif ta' servizzi ta' kura għal matul il-jum li jkunu aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd.

***Il-parteċipazzjoni fil-politika***

Wara l-elezzjonijiet tal-2011, il-perċentwal tal-membri parlamentari nisa fil-Parlament Tork tela' minn 9.1 % għal 14.3 %. Għalkemm dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, dan il-perċentwal għadu baxx ħafna. Ir-rapporteur titlob l-abbozzar ta' liġi ġdida dwar il-partiti politiċi u dwar l-elezzjonijiet li se toħloq sistema ta' kwoti obbligatorja.
Ir-rapporteur tosserva li, għalkemm l-organizzazzjonijiet tan-nisa tal-partiti politiċi huma strumentali ħafna biex il-partiti tagħhom ikollhom suċċess, dan ma jfissirx li dawn in-nisa għandhom karrieri fil-politika. Għaldaqstant, hija tqis li huwa meħtieġ li l-preżenza tan-nisa fil-livelli kollha fil-ġestjoni tal-partiti tiġi żgurata permezz ta' regoli interni tal-partiti politiċi.

***Perspettiva 2020 għan-Nisa fit-Turkija***

L-Ewropa għaddejja minn trasformazzjoni biex terġa' tmur lura għall-perkors ta' tkabbir ta' qabel il-kriżi u żżid il-potenzjal tagħha biex tegħleb din tal-aħħar (Ewropa 2020), u waħda mill-prijoritajiet li jinsabu fil-qalba ta' Ewropa 2020 hija t-tkabbir inklużiv li jitlob involviment ikbar tan-nisa, minħabba li l-Ewropa se tkun teħtieġ in-nisa kollha tagħha sal-2020 għal ekonomija Ewropea kompetittiva. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur tistieden lit-Turkija, bħala pajjiż kandidat, biex tingħaqad mal-aspett ta' Ewropa 2020 li jirrigwarda s-sessi billi timpenja ruħha li tasal għal sitwazzjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi reali, ladarba t-Turkija wkoll se tkun qed taffronta sfidi simili fl-isforz kontinwu tagħha għal tkabbir ulterjuri.

Wara li wettqet riċerka dettaljata dwar is-sitwazzjoni tan-nisa fit-Turkija u wara li intervistat diversi persuni mill-isfera pubblika u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, ir-rapporteur innutat li talba komuni li ġejja mill-input kollu riċevut hija li hija meħtieġa bidla fil-mentalità sabiex l-istruttura patrijarkali tas-soċjetà tinbidel fi struttura bbażata fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan għandu jkun strumentali ħafna biex tintemm il-vjolenza sessista, tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa u, b'mod ġenerali, biex in-nisa jingħataw is-setgħa. Dan huwa għaliex ir-rapporteur tagħmel numru ta' suġġerimenti li jippermettu din il-bidla fil-mentalità.

Ir-rapporteur tindika l-irwol indispensabbli tal-midja biex isseħħ din il-bidla fil-mentalità u tipproponi inizjattivi li għandhom jittieħdu mill-midja. Barra minn hekk, ir-rapporteur hija tal-opinjoni li tali bidla tista' titwettaq l-aħjar billi jinħoloq mekkaniżmu biex in-nisa li huma ta' eżempju għal kulħadd jinteraġixxu b'mod attiv mat-tfajliet żgħar fir-rigward tal-futur tat-Turkija u l-irwol li n-nisa għandu jkollhom fil-futur; u t-tieni nett, billi l-irġiel jiġu involuti fil-proċess tat-tibdil fil-mentalità. Skont ir-rapporteur, dan it-tieni aspett għandu jitwettaq permezz ta' kampanja biex tinħoloq 'alleanza tas-sessi', b'referenza għall-'alleanza taċ-ċivilizzazzjonijiet' li kienet inizjattiva kosponsorjata mill-Prim Ministru tat-Turkija, Recep Tayyip Erdoğan.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 27.3.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 28<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Edit Bauer, Emine Bozkurt, Andrea Češková, Iratxe García Pérez, Mary Honeyball, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nicole Kiil-Nielsen, Silvana Koch-Mehrin, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Antonyia Parvanova, Joanna Senyszyn, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Angelika Werthmann, Marina Yannakoudakis, Inês Cristina Zuber |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Franziska Katharina Brantner, Anne Delvaux, Sylvie Guillaume, Mojca Kleva, Ana Miranda, Antigoni Papadopoulou, Eleni Theocharous |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Elisabeth Jeggle |